**16 ta' Mejju, 1996**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius, B.A., LL.D.**

*Paul Buttigieg*

*versus*

**Lora Borg Savona mart Joseph Borg bħala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejniethom**

## Danni - Inċident Awtomobilistiku

***Ġiet konfermata sentenza ta' l-Ewwel Qorti f'kawża għal danni konsegwenti għal inċident awtomobilistiku fejn gew miċħuda t-talbiet attriċi.***

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Ottubru, 1995, liema sentenza taqra kif ġej:

"Il-Qorti:-

Rat l-avviż ippreżentat mill-attur fis-26 ta' Lulju, 1991 fejn talab lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsu is-somma ta' mija u erbgħin lira Maltija u sitt ċenteżmi (Lm140.06) - jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti, rappreżentanti danni minnu sofferti fil-vettura tiegħu Y-0617 in konsegwenza ta' l-inċident awtomobilistiku li ġara fl-10 ta' Jannar, 1991 fi Triq Żabbar, Raħal l-Ġdid, liema inċident seħħ b'tort uniku tal-konvenuta Lora Borg Savona, meta b'negliġenza, imperizja u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, l-imsemmija Lora Borg Savona bil-vettura tal-marka Subaru V-3227 minnha misjuqa baqgħet ħierġa minn triq sekondarja - Sacred Heart Street, għal ġo Triq Żabbar, u daħlet fuq il-vettura Y-0617 misjuqa minn Stepehn Fenech, li kienet qed tinsaq fit-triq prinċipali - Triq Żabbar, biex b'hekk l-attur sofra d-danni pretiżi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-24 ta' April, 1991 u ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Mejju, 1991 kontra l-konvenuti li ġew inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuta Lora Borg Savona tal-11 ta' Settembru, 1993 fejn eċċepiet illi ebda ammont dovut ma kien dovut lill-attur in linea ta' danni riżultat ta' l-inċident tat-traffiku billi l-inċident imsemmi fl-avviż ġara unikament tort ta' l-istess attur;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Ottubru, 1991 li bih ġie nnominat Dr. Zammit Mc Keon bħala perit legali;

Rat u eżaminat ir-relazzjoni esebita u maħlufa mill-perit legali;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attur tat-28 ta' Diċembru, 1993;

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti tal-21 ta' Novembru, 1994;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kellha l-opportunita` teżamina bir-reqqa r-relazzjoni akkurata tal-perit legali Dr. Mc Keon;

Rat ukoll il-kritika għal konklużjonijiet li wasal għalihom il-perit legali mill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti ma tistax ma tasalx għall-istess konklużjonijiet tar-relazzjoni peritali għaliex ix-xhieda u l-iskizz jikkoloboraw il-versjoni tal-konvenuta. Kieku vera kif jirritjeni Stephen Fenech illi l-konvenuta rriversjat wara l-impatt kieku d-debris ta' l-impatt kien xorta waħda jibqa' fil-*point of impact* u s-surġent kien iniżżel dana kollu fl-okkorrenza;

Illi għar-rigward tal-paragrafu 4 tan-nota ta' kritika ta' l-attur - jingħad biss illi l-iskizz hija *to scale*;

Għar-rigward ta' dak li ntqal f'paragrafu 5 għandu jingħad illi dak li ġie sottomess huwa biss supposizzjonijiet mhux sostanzjati bix-xhieda kif *del resto* huma paragrafi 6 u 7;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba attriċi u takkolji l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;

Bl-ispejjeż kontra l-attur";

Minn din is-sentenza appella l-attur Paul Buttigieg permezz ta' rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru, 1995 u li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza minnu appellata billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tilqa' t-talbiet tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konvenuta appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluża r-risposta ta' l-appell tal-konvenuti;

Semgħet it-trattazzjoni;

*Ikkunsidrat:*

*L-aggravji ta' l-appellant huma dawn li ġejjin:*

Illi l-perit legali appuntat mill-Ewwel Qorti bbaża r-relazzjoni tiegħu fuq l-iskizz magħmul mill-pulizija. F'dan l-iskizz pero`, ma hemmx indikazzjoni li Sacred Heart Street għandha pendenza u qiegħda f'niżla. Dan ġie rrilevat mill-appellant fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu fejn kien anke talab lill-Ewwel Qorti biex isir aċċess mill-perit legali, ħaġa li l-perit legali pero`, għalkemm kien ordnat mill-Ewwel Qorti biex jagħmel, baqa' ma għamilx;

Il-konvenuta fix-xhieda tagħha stess qalet li l-iktar li tat importanza kien għat-traffiku li kien ġej mid-direzzjoni tal-Belt, indikazzjoni ċara din illi hija ma żammitx *a proper look out* tad-direzzjoni l-oħra, ċjoe` dik li ġejja minn Ħaż Żabbar minn fejn kienet ġejja x-*charabanc* ta' l-attur. Tant huwa hekk illi hija stess stqarret li fl-ebda ħin ma rat ix-*charabanc* ġejja. Hawn ukoll skond l-appellanti jidher li l-perit legali njora din il-parti tax-xhieda tal-konvenuta meta kkonkluda illi huwa ta' l-opinjoni li l-konvenuta kienet żammet *a proper look out* u għalhekk ġiet eżonerata minn kull ħtija. Fir-rigward l-appellanti jirrileva li sabiex il-konvenuta toħroġ għal ġo Triq Żabbar, hija kellha tagħmel hekk b'angolu ta' $90^{o}$. Dan sabiex jiġi mfisser il-posizzjoni tas-salib-it toroq li f'din il-parti huma idjaq, tant li vetturi kbar bħal *charabancs* ikollhom ta' bilfors inaqqsu l-veloċita` meta jkunu għaddejjin biswit xulxin;

In-natura tad-danni li ġew sofferti miż-żewġ vetturi nvoluti kienu jkunu ta' xejra ferm differenti li kieku kienet ix-*charabanc* li daħlet fil-vettura l-oħra tal-konvenuta u l-entita` tal-ħsarat f'din il-vettura kienu jkunu ferm akbar. Skond l-appellanti dan il-punt ukoll ġie njorat mill-Ewwel Qorti;

Għalkemm huwa veru li l-utent tat-triq prinċipali huwa obbligat li *juża l-prudenza* fis-sewqan, daqstant huwa ukoll veru li l-persuna li tkun ħierġa minn triq sekondarja għandha tieħu l-prekawzjonijiet kollha sabiex ma tisporġix aktar milli suppost, speċjalment tenut kont tal-lokalita` in kwistjoni;

L-Ewwel Qorti dehret li tat aktar kredibilita` lill-konvenuta milli lix-xufier li kien qed isuq il-vettura ta' l-attur appellant, iżda ma jidhirx li ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-konvenuta xehdet illi kien il-pulizija li ddritta l-pjanċa tan-numru, iżda min-naħa tiegħu l-puliżija ma qal xejn dwar dan il-punt rilevanti;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti mill-eżami akkurat tal-provi proċesswali tasal għall-konklużjoni li ma *tistax takkolji l-appell* ta' l-attur u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

*Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ fil-konfigurazzjoni tat-*toroq u partikolarment dak li qed jiġi sottomess mill-appellant, u ċjoe` li Sacred Heart Street għandha pendenza, huma ta' importanza marġinali;

Jirriżulta mix-xhieda tas-Surġent Saliba li l-i*spot of impact* kien id-daqqa li għandha l-vettura tal-konvenuta. *Mill-iskizz* tal-pulizija jidher li kienet kemm kemm ħarġet minn ġo Sacred Heart Street meta ġrat il-ħabta;

Jirriżulta invece li s-sewwieq tal-vettura ta' l-attur appellant kien għaddej *wrong side* meta hemm provi biżżejjed li jindikaw li fil-lokalita` fejn ġara l-inċident ma kienx hemm vetturi pparkjati u *considerando* li t-triq hija wiesgħa 5.5 metri ma jirriżultax li kien hemm raġuni valida għala kellu jmur

kompletament fuq in-naħa l-ħażina tat-triq;

Kwantu għall-aspett irrilevat mill-appellanti li l-appellata naqset li żżomm *a proper look out* u effettivament xeħdet li ma ratx il-vettura ta' l-attur ġejja, jiġi rrilevat dak li osserva l-perit legali nnominat mill-Ewwel Qorti fil-pargrafu 22 tar-relazzjoni tiegħu u ċjoe` li l-manuvra tagħha, fi kwalunkwe każ ma kinitx tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku għaddej fit-triq prinċipali, u li l-inċident essenzjalment ġara għaliex is-sewwieq tal-vettura proprjeta` ta' l-attur mar kompletament *wrong side*;

F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti m'għandhiex alternattiva ħlief, kif effettivament qiegħda tagħmel, tiċħad l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż jkunu a karigu ta' l-istess appellant.

---